MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 325/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata nhar it-tnejn (2) ta’ Mejju 1998 – Vide Certifikat taz-Zwieg Dok ‘A’;
2. Illi minn tali zwieg huma kellhom tifel bl-isem ta’ J li twieled fis-sitta (6) ta’ April 1999 li llum ghadu minorenni;
3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat hdax (11) ta’ April 2002 – Vide Dok ‘B’;
4. Illi ghalhekk l-partijiet ilhom separati de jure u ma jghixux flimkien ghal aktar minn erba’ (4) snin;
5. Illi r-rikorrenti ma jara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;
6. Illi l-manteniment versu l-monorenni qed jigi vversat b’mod regolari skont kif patwit;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta’ bejn ir-rikorrenti u bejn l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom; u
2. Tordna li r-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li in forza taghha teccepixxi :

1. Illi l-esponenti qeghda topponi ghal dina t-talba stante illi bl-effetti tad-divorzju hija mhijiex se tkun f’pospizzjoni illi tissalvagwardja l-manteniment ta’ binha meta dan jaghlaq it-tmintax-il-sena u jaghzel illi jkompli jistudja f’livell terzjarju (hekk kif diga’ ghandu x-xewqa li jaghmel) stante illi fil-kuntratt ta’ separazzjoni gie stabbilit illi l-manteniment dovut mir-rikorrent ghall-bzonnijiet ta’ binhom minuri Jacob Turner li illum ghandu hmistax-il sena *“shall remain payable until the minor has attained the eighteenth (18th) year of age”;*
2. Illi l-esponenti hija tal-umli fehma illi f’kaz illi binhom jaghzel illi jkompli jistudja f’livell terzjarju l-missier ghandu jkun obbligat illi jkompli jmantnih u kif ukoll jkompli jhallas sehmu mill-ispejjez ta’

edukazzjoni u sahha sakemm jaghlaq it-23 sena jew jkollu impjieg fiss liema eventwalita ssehh l-ewwel;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Awissu, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-intimata oggezzjonat ghat-talbiet fir-rikors promotur peress illi fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet ma hemm l-ebda provvediment dwar hlas ta’ manteniment ghall-minuri wara li dan jaghlaq l-eta tat-tmintax (18) il-sena sal-gheluq tal-eta ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena jekk jaghzel illi jibqa jistudja fuq bazi full-time. Izda il-Qorti tara li dan l-argument ma ireggix peress illi sal-gurnata tallum ir-rikorrenti huwa obbligat illi jirrispetta il-pattijiet u il-kundizzjonijiet illi hemm fil-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejn il-partijiet u illi jekk l-intimata thoss il-bzonn tista dejjem tibda proceduri godda ta’ medjazzjoni, izda dawn il-proceduri ghandhom jibqghu mexjin;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ April, 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------